**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**
**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 77000L**

*Kumpilazzjoni Nru.436/2024*

Illum, 26 ta' Ġunju, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Aaron Steven Stewart Edward Ritchie** u ċioe talli:

Nhar l-għoxrin (20) ta' Marzu 2024, għal ħabta ta' bejn l-għaxra (10:00) ta' filgħodu u l-erbgħa u nofs (16:30) ta' wara nofsinhar, ġewwa r-residenza 23, Falzon, Triq Nazju Ellul, Gżira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-**mezz**, bil-**lok** u bil-**valur**, liema valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Daniel Falzon** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

> Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
>
> F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-3 ta' Ġunju, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Piena**

Dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li jinsab addebitat bihom l-imputat, tal-fedina penali kkulurita tiegħu , liema fedina tmur lura erbgħa w għoxrin sena u minn fejn jirrizulta li lanqas l-inkarċerazzjoni ma serviet biex tirrijabilitah. Minn tali fedina jirriżulta wkoll li l-imputat hu reċidiv ai termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'dan l-aħħar artikolu jipprovdi li:

**289.** (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

Ħarsa lejn il-fedina penali tiegħu ma tħalli l-ebda dubbju li din il-Qorti tibqa fil-parametri stabbiliti kieku kellha żżid il-piena li għandha tiġi inflitta bi tlett gradi u dan meta skond l-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali l-piena oriġinali hi dik ta' bejn tmintax il-xahar u disa' snin.

Ingħata piż ukoll għall-fatt li dan ir-reat sar biex l-imputat ikompli jmantni l-vizzju qerriedi tad-droga li ilu maħkum minnu, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammissjoni bikrija tiegħu.

Tenut kont tal-fatt li l-imputat ma jinsab f'ebda pożizzjoni li jagħmel riżarċiment lill-parti leża, il-Qorti mhux ser tapplika d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali kif mitlub fl-akkuza, u dan il-fattur ukoll qed jiġi kunsidrat ai fini tal-piena li ser tiġi erogata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, ssib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu w tikkundannah għall-**erbgħin (40) xahar priġunerija** li minnhom li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel f'arrest preventiv.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' ***Daniel Falzon, John Falzon u l-familjari tagħhom*** għal żmien tlett snin millum.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**